22005D0102

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 102/2005

tat-8 ta'Lulju 2005

li temenda l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV għall-Ftehim kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 43/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 [1].

(2) Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18 (Regolament (KE) Nru 2422/2001 tal-Parlament u tal-Kunsill) fl-Anness IV għall-Ftehim:

"19. **32001 L 0077**: Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

a) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein;

b) Fl-Artikolu 3(2), id-data '27 ta' Ottubru 2002' u fl-Artikoli 3(3), 5(1) u 6(2), id-data '27 ta' Ottubru 2003' għandha taqra 'sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 102/2005 tat-8 ta' Lulju 2005';

c) fl-Artikolu 3(2), it-tieni inċiż, il-kelma 'Komunità' għandha tiġi sostitwita bi 'l-Istati EFTA';

d) il-paragrafu 8 tal-Protokoll 1 m'għandux japplika għall-Artikolu 3(4), it-tieni inċiż;

[1] ĠU L 198, 28.7.2005, p. 45.

[2] ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33. Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

e) fl-Artikolu 4(1) il-kliem 'l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat' għandhom jaqraw 'l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE'. Il-kliem 'l-Artikoli 6 u 174 tat-Trattat' għandhom jaqraw 'l-Artikolu 73 tal-Ftehim ŻEE';

f) fl-Anness, għandu jinżied dan li ġej:

'L-Islanda	5,58	99,90	99,50 (7)
In-Norveġja	110,95	96,30	90,00 (8)'

(7) Iċ-ċifra għall-Islanda tista' tintlaħaq jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fl-interkonnettività ma' sistemi ta' l-elettriku ohrajn; Barra minn hekk, minħabba l-importanza tal-fatturi klimatiċi fuq il-produzzjoni ta' l-elettriku minn riżorsi idroloġiċi, id-domanda għall-elettriku u l-interruzzjonijiet fit-trasmissjoni, iċ-ċifra għall-2010 għandha tiġi kkalkulata fuq mudell ta' firxa fit-tul ibbażat fuq kondizzjonijiet idroloġiċi u klimatiċi.

(8) L-abbiltà tan-Norveġja li tilħaq il-mira tagħha ta' 90 fil-mija tista' tintlaħaq jekk il-konsum ta' l-elettriku ma jiżdiedx b'aktar minn 1 fil-mija kull sena. Dan jikkorrispondi għal kapaċità ta' produzzjoni ġdida ta' madwar 6-7 TWh ta' elettriku minn sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli introdotti mill-1997 sa l-2010.

Il-varjazzjonijiet konsiderevoli fil-produzzjoni ta' l-idroelettriku fin-Norveġja tista' toħloq ħtieġa għan-Norveġja li tqis il-potenzjal tal-produzzjoni medja ta' l-idroelettriku fir-rapporti dwar il-kisba tal-mira indikattiva."

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva 2001/77/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-suppliment ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2005, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Lulju 2005.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
HSH Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.